**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 43/2019 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MB**

**Vs**

**LB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MB datat 30 ta' Jannar 2019 a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżewwġu nhar is-6 ta' Ġunju 1998 liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru tal-iskrizzjoni X, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u immarkat bħala Dok A;*

*Illi minn dan iż-żwieġ, nhar Y twieldet tifla, NRB, li llum għandha tmintax-il sena (18), ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok B;*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Pierre Falzon datat d-9 ta' Settembru 2009, li kopja tiegħu qedgħa tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok C*

*Illi l-partijiet ilhom jgħixu ħajja separata għal aktar minn disgħa snin u jinsabu kuntenti jgħixu l-ħajja separata tagħhom*

*Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni lill-intimata LB;*

*Illi r-rikorrenti dejjem ħallas il-manteniment tat-tifla lil intimata skont it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet u dan sakemm għalqet tmintax-il (18) sena;*

*Illi dan kollu hu konfermat mir-rikorrenti li fl-affidavit tiegħu hawn anness u mmarkat bħala Dok D;*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jogħġobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan il-ħall taż-żwieġ.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' LB datata 12 ta' Marzu 2019 a fol 17 li taqra hekk:-

1. *Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel ħames premessi tar-rikors promotur;*

2. *Illi fir-rigward is-sitt premessa li tikkonċerna l-manteniment, l-esponent ma taqbilx mal-istess u dan għaliex għad hemm arrettrati ta' manteniment mhux imħallas, kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri, u kontestwalment ma' din ir-risposta qed jiġu ppreżentati proċeduri sabiex l-attur iħallas manteniment għal binthom li għadha qed tistudja fuq bażi full time u għalkemm maġġorenni għadha ma għalqitx it-tlieta u għoxrin (23) sena;*

3. *Illi in vista tal-vertenzi pendenti dwar il-manteniment, il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 66 A et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ġewx sodisfatti u dan ukoll fir-rigward taż-żieda fis-sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.*

4. *Għaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti tissottometti umilment li t-talba tar-rikorrenti għad-divorzju u/jew il-ħall taż-żwieġ, għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

*Salv sottomissjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.*

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat**:

Illi MB xehed bl-affidavit (dok D, fol 12 ) illi huwa iżżewweġ lil LB u minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, illum maġorenni. Illi fid-9 ta' Settembru 2009 il-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Pierre Falzon u ilhom jgħixu ħajja separata għal iktar minn disgħa snin. Minn meta isseparaw sal-preżent qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u ma hemmx tama tal-istess. Rigward ħlas ta' manteniment li kien dovut lit-tifla tal-

partijiet, MB xehed illi dan dejjem sar b'mod puntwali u li ma hemmx arretrati tal-istess. Huwa wiegħed li huwa ser ikompli jipprovdi għall-manteniment ta' bintu.

Illi MB xehed (fol 22) u ikkonferma dak li kien xehed bl-affidavit. Huwa xehed ukoll dwar il-manteniment, u qal li ma baqax iktar pendenzi ta' l-istess.

Illi LB xehdet (fol 24) illi miż-żwieġ bejnha u bejn l-attur twieldet tifla li għandha 19-il sena, u li manteniment għaliha tħallas kollu mill-konvenut u ma hemmx arretrati tal-istess. Xehdet illi ż-żwieġ ma rnexxiex u huma iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali (Dok C, fol 6), ikkonfermat illi minn dak in-nhar tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni personali sa' llum ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u ma hemmx tama tal-istess.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Ġunju 1998 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg għandhom tifla waħda, illum maġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, datat 9 ta' Settembru 2009 (vide Dok. C fol 6 et seq tal-proċess). Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati għal aktar mill-erbgħa snin rikjesti mil-liġi.

Jirriżulta ukoll illi m'hemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet, għaliex kwalunkwe arretrati ta' manteniment tħallsu mill-konvenut fil-mori tal-kawza.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mill-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**